MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 21/2025-9

Il-Ġimgħa, 10 t'Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-5.45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Kunsillier
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

PREZENTI B'MOD VIRTWALI:

Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

21.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku Baskal Saliba informa lil membri preżenti li l-Viċi Sindku, Daniel Cordina ser ikun qed tingħaqad b'mod virtwali peress li jinsab indispost sabiex jattendi.

21.2 **Evalwazzjoni ta' offerta ZGLC/04/2025 u ħatra ta' membri tal-bord**

Is-Sindku nforma lil membri li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza minħabba l-ħruġ ta' l-offerta tad-dawl mad-dawra tad-daħla u ċ-ċentru taz-Zebbuġ. Is-Segretarju Ezekuttiv preżentat r-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni fejn ħadd mill-offeranti ma' kien *compliant.* Għaldaqstant il-membri qablu li din l-offerta terġa toħroġ. Qablu wkoll li l-bord t'evalwazzjoni għandu jkun kompost minn Michelle Vella bħala Chairman, membri tal-bord Ing. Mario Cauchi, Daniel Galea u Loretta Cauchi. Segretarju Odette Camilleri.
Is-Sindku informa lil membri li hemm bzonn ukoll tinħareġ offerta għal *project administrator* biex imexxi l-proġett ta' l-Interagg-Med Loopzone liema proġett ser ikun mifrux fuq erba' snin. Il-membri qablu li l-bord t'evalwazzjoni ikun kompost mill-Inġ. Mario Cauchi bħala Chairman, membri tal-bord Daniel Galea, Loretta Cauchi u Joebert Galea. Segretarju Odette Camilleri.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.10 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv